# Fil-Qorti Tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar l-Erbgha sbatax (17) ta' Gunju 2015

Libell Nru 1/09

**Dr Natalino Fenech**

vs

**Saviour Balzan u Matthew Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi ippresentati permezz ta' kwerela da' parte ta' Dr Natalino Fenech mahruga mill-Pulizija kontra Saviour Balzan u Matthew Vella fejn huma gew akkuzati, bhala edituri tal-gurnal Malta Today ta' nhar ta' Hadd u tal-gurnal Malta Today ta' nhar ta' Erbgha rispettivament talli ma ppubblikawx ittra datata 10 ta' Dicembru 2008 li ntbghatet taht il-Ligi ta' l-Istampa b'risposta ghall-artikli illi dehru fil-Maltatoday Midweek fit 3 ta' Dicembru 2008, Maltatoday tal-Hadd 7 ta' Dicembru 2008 u tal-Maltatoday Midweek tal-10 ta' Dicembru 2008, u dana bi ksur tal-Ligi ta' l-Istampa li jesigu li r-risposta ghandha tingieb mhux aktar tard mit-tieni harga.

L-ittra, l-akkuza tghid, kienet giet ikkonsenjata fl-ufficji tal-Maltatoday u iffirmata ghaliha Ms Suzanne Psaila fil 11 ta' Dicembru 2008 u peress li l-MaltaToday Midweek u l-Maltatoday johorgu darba fil-gimgha biss, din l-ittra kellha tingieb mhux aktar tard mis 17 ta' Dicembru 2008 fil-kaz tal-maltaToday Midweek u mhux aktar tard mill-21 ta' Dicembru 2008 fil-kaz tal-Maltatoday, u peress illi dana ma sarx il-kwerelant qed jitlob li jittiehdu passi kontra l-kwerelanti skodn il-Ligi.

L-imputati qieghdin jigu akkuzati wkoll talli b'kitba u sussegwenti pubblikazzjoni fil-gurnal Malta Today, fil-harga tal-Hadd 7 ta' Dicembru 2008, fl-artikolu opinjoni a pagna 17 u 18 miktub minn Saviour Balzan, kif ukoll fil-harga ta' nhar ta' Erbgha 10 ta' Dicembru 2008, fl-Artikolu intitolat '*PBS Newsroom*

*bypasses Maltatoday over Tuna controversy*' a pagna 8 u liema artikoli huma accessibbli wkoll fuq is-sit ta' l-internet mis-sit www.maltatoday.com kienu malafamanti fil-konfront tal-kwerelant kemm personalment kif ukoll fil-kapacita' tieghu ta' Editur tal-Public Broadcasting Limited, u dana billi attribwewlu imputazzjonijiet specifici li setghu jwasslu ghall-ingurja, nuqqas ta' reputazzjoni jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz pubbliku, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 11, 21 (1) u 21 (2) tal-Kap 248 u l-Qorti qieghda tigi mitluba wkoll li tapplika l-Artikolu 20 tal-Kap 248 fil-konfront ta' l-akkuzati.

Rat ix-xhieda tal-kwerelant **Dr Natalino Fenech** moghtija fil 11 ta' Jannar 2011 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita, fosthom il-kwerela mibghuta lill-Pulizjia fit 22 ta' Dicembru 2008 li abbazi taghha nbdew il-proceduri odjerni, a fol 41.

Rat, fost id-dokumentazzjoni, l-ittra indirizzata lill Editur tal-Maltatoday datata 10 ta' Dicembru 2008, a fol 37, liema ittra giet ippubblikata fil-Maltatoday midweek fl-24 ta' Dicembru 2008, fol 39.

Semghet ix-xhieda ta' **Gaetano Degabriele**, rappresntant tar-Registartur ta' l-Istampa, moghtija fl-1 ta' April 2011 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita in rigward ta' min huwa registrat bhala editur tal-gazzetti Malta Today u Malta oday midweek, fejn irrizulta illi Matthew Vella huwa registrat bhala l-Editur tal-Maltatoday Midweek filwaqt illi Saviour Balzan huwa registrat bhala l-Editur tal-Maltatoday.

Semghet ix-xhieda ta' **Suzanne Chetcuti**, personal assistant ta' l-akkuzat Saviour Balzan, moghtija fil 11 ta' Jannar 2012 fejn ikkonfermat illi l-ittra datata 10 ta' Dicembru 2008 wasslet fl-ufficini ta' l-akkuzat Saviour Balzan fil 11 ta' Dicembru 2008.

Rat illi fit 28 ta' Marzu 2012 il-prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Dr Natalino Fenech** moghtija fid 29 ta' Ottubru 2012 u fis 17 ta' Jannar 2013.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Saviour Balzan** moghtija fit 18 ta' Gunju 2014.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in ezami ta' **Dr Natalino Fenech** moghtija fit 22 ta' Ottubru 2014.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Reno Bugeja**, prodott mill-intimat, bhala produttur tal-programm Dissett illijittella fuq l-istazzjon nazzjonali TVM.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' **Matthew Vella** moghtija fit 28 ta' Jannar 2015.

Rat illi fit 28 ta' Jannar 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fl-20 ta' Mejju 2015 l-akkuzat Saviour Balzan qajjem eccezzjoni fis-sens illi l-konnotati tieghu fl-akkuza kienu totalment differenti minn dawk li attwalment kienu tieghu, kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu esebit mill-Prosekuzzjoni a fol 3 ta' process.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-20 ta' Mejju 2015 fuq l-eccezzjonijiet u il-meritu kollu tal-kaz, wara liema seduta il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum fuq il-provi kollha.

## Ikkunsidrat

Il-kawza odjerna, li bdiet wara kwerela illi kien ghamel Dr Natalino Fenech, dak iz-zmien editur tan-newsroom tal-Public Broadcasting Services Limited, tikkonsisti f'proceduri kriminali abbazi ta' l-Artikolu 11 u 21 (1), (2) tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta kontra Saviour Balzan u Matthew Vela bhala edituri rispettivament ta' *Malta Today on Sunday* u *Malta Today Midweek*.

Jirrizulta illi illi fit 3 ta' Dicembru 2008, Saviour Balzan kiteb artikolu fuq il-MaltaToday Midweek fejn ghamel referenza ghal-kontroversja illi kienet vigenti dak iz-zmien relatata ma' l-industrija tat-Tonn u ikkummenta b'mod negattiv lejn il-fatt illi il-'*PBS newsroom*' kienet organizzat program relatat ma' dina l-kontroversja, illi kienet giet pubblikata l-ewwel darba fuq il-MaltaToday, u ma kienet stiednet lill hadd mill-MaltaToday ghalkemm kien dana il-gurnal illi kien qieghed jikteb principalment kontra l-Gvern tal-gurnata dwar il-kontroversja ta' l-industrija tat-Tonn.

Jirrizulta illi, sussegwentement, fis 7 ta' Dicembru 2008, l-akkuzat Saviour Balzan, fuq il-gazzetta MaltaToday Sunday, kien ippubblika ittra indirizzata lill-kwerelant Natalino Fenech direttament fejn reggha, ghal darba ohra, wera it-thassib serju tieghu ghall-fatt illi gurnalisti tal-Maltatoday ma kienux gew mistienda fuq il-programm Dissett meta dana kien qieghed jitkellem dwar il-kontroversja tat-Tonn.

Finalment, fl-10 ta' Dicembru 2008, il-MaltaToday Midweek ippubblikat artikolu intitolat '*PBS newsroom bypasses MaltaToday over tuna controversy*' fejn, ghal darba ohra, ssir referenza ghall fatt illi gurnalisti tal-Maltatoday ma gewx mistienda fuq il-programm fuq indikat ghalkemm l-istess PBS kienet stiednet gurnalisti tat-Times, liema gurnalisti, izda, kienu ghażlu li ma jattendux u kienu suggerew lill-istess PBS sabiex jistiednu gurnalisti mill-Maltatoday.

Jirrizulta illi, wara tali artikolu kif fuq indikat, fl-10 ta' Dicembru 2008, permezz ta' ittra indirizzata lill "The Editor, Maltatoday", il-kwerelant Natalino Fenech kiteb ittra li talab illi tigi ppubblikata a tenur tal-Kap 248 fejn ta' ir-ragunijiet tieghu ghaliex il-guranalisti tal-Maltatoday ma gewx mistiedna.

Jirrizulta, di fatti, skond tali ittra, illi kien minnu li l-PBS assikuraw ruhhom illi ma jistaqsu lill hadd mill-gazzetta Maltatoday u dana kien ibbazat fuq il-fatt illi fid 29 ta' Gunju 2008, Saviour Balzan kien kiteb lill-Albert Mizzi jiskuza ruhu dwar dak illi kien kiteb fil-konfront tieghu, fejn, kif jghid Natalino Fenech, "*Mr Balzan admitted to orchestrating a campaign by writing over 40 articles with references to Mr Mizzi, four of which were libelous, subjecting Mr Mizzi to a sustained and unwarranted personal attack which was entirely unjustified and unfair*". Kif jghid l-istess Natalino Fenech "*Seeing Mr Balzan's admission about his campaign against Mr Mizzi, one does not have to be a genius to understand why the National Television station chose to seek the opinion of experts, rather than the opinionof MaltaToday.*"

Jirrizulta illi dina l-ittra wasslet l-ufficini tal-MaltaToday fil Hamis 11 ta' Dicembru 2008 u eventwalment giet ippubblikata fil-harga tal-MaltaToday Midweek fl-24 ta' Dicembru 2008 kif rikjest.

Jirrizulta, madanakollu, illi fit-22 ta' Dicembri 2008, Natalino Fenech ghamel kwerela fil-konfront ta' Savour Balzan u Matthew Vella, liema kwerela wasslet ghall-proceduri odjerni.

## Ikkunsidrat

Wahda mid-difizi mressqa mill-akkuzati, partikolarment Saviour Balzan, kienet illi c-citazzjoni mahruga kontra tieghu fit 13 ta' Marzu 2009 ma ssemmix bic car lill-istess Saviour Balzan, u dana peress illi, ghalkemm l-akkuza inharget kontra Saviour Balzan, id-dettalji kollha indikat sabiex jiddeskrivu minn attwalment kien dana Saviour Balzan kienu kollha skorretti, u dana jinkludi kemm id-dettalji ta' ommu u missieru, fejn twielet u il-karta ta' l-identita' tieghu.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, precizament ic-certifikat tat-twelid ta' Saviour Balzan ippresentat mill-prosekuzzjoni flimkien mac-citazzjoni, illi d-dettalji kollha illi jidhru fl-akkuza huwa kollha skorretti ghajr ghall isem l-akkuzat Saviour Balzan.

Abbazi ta' l-artikolu 360 (2) tal-Kap 9, "*ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka*".

Jirrizulta bl-aktar mod car illi ghalkemm l-akkzat Saviour Balzan huwa imsemmi fl-akkuza, id-dettaljii kollha ta' l-akkuzat huwa zbaljati u ghalhekk, stante illi l-proceduri odjerni huma proceduri kriminali fejn prova trid issir oltre kull dubju, jidher car illi l-akkuzi ma jindikaw "bic-car il-persuna mharrka" bhalma tezigi l-Ligi.

Il-Qorti tosserva illi l-Ligi tirrikkjedi lill-prosekuzzjoni illi taghmel indikazzjoni cara ghal min huwa l-akkuzat izda imkien ma tghid li trid tindika d-dettalji tal-famlja tieghu u fejn twieled. Certament, in-numru tal-Karta ta' l-Identita' kien ikun bizzejjed. Madanakollu, f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ghazlet illi tindika, apparti n-numru tal-Karta ta' l-Identita', isem u kunjom il-genituri tal-partijiet u

fejn twieled. La darba l-Prosekuzzjoni hadet tali decizjoni, ghalhekk kien jinkombi fuqha illi tassikura illi tali dettalji kollha hhuma korretti. Madanakollu, id-detttalji kollha illi jidentifikaw b'mod car min huwa l-akkuzat Saviour Balzan huma kollha kemm huma zbaljati u, la darba l-proceduri odjerni huma proceduri kriminali kif mitluba mill-kwerelant, l-Qorti ma tistax tinjora tali zball illi huwa car daqs il-kristall.

Ghalhekk id-difiza mressqa mill-akkuzat Saviour Balzan dwar dana il-punt hija wahda valida u timmerita illi tigi akkolta.

Tenut kont ta' tali fatt, il-Qorti ma hijiex ser tikkunsidra aktar fid-dettall l-akkuzi maghmulha kontra Saviour Balzan u l-fatti relatati ma' l-istess.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fil-konfront ta' Matthew Vella, bhala editur tal-gazzetta MaltaToday Midweek, l-akkuzi kienu tnejn, ossija illi ippubblika artikolu malafamanti fil-konfront tal-PBS fl-10 ta' Dicembru 2008 intitolat '*PBS newsroom bypasses MaltaToday over tuna controversy*' kif ukoll illi naqas milli jippubblika l-ittra illi kien baghat Natalino Fenech fl-10 ta' Dicembru 2008 u li wasslet fil 11 ta' Dicembru 2008.

Mill-provi prodotti, l-ewwel u qabel kollox, jirrizulta illi l-ittra ta' Natalino Fenech wasslet fl-ufficini tal-MaltaToday fil 11 ta' Dicembru 2008 u eventwalment giet ippubblikata fil-harga tal-MaltaToday Midweek fl-24 ta' Dicembru 2008.

Jirrizulta wkoll illi l-gurnal MaltaToday Midweek jigi pubblikat kull nhar ta' l-Erbgha, u ghalhekk, meta giet ippubblikata l-ittra fl-24 ta' Dicembru 2008, dina giet ippubblikata "*mhux iktar tard mit-tieni harga li tigi wara li tkun giet ricevuta t-talba*", kif jistipula l-Artikolu 21 (2) tal-Kap 248, stante illi l-Erbgha 24 ta' Dicembru 2008 kien jahbat it-tieni harga wara illi Vella rcieva l-ittra ta' Natalino Fenech.

Ghalhekk dana l-ilment ta' Natalino Fenech ma jirrizultax.

Jirrizulta wkoll illi l-istess Natalino Fenech, fl-ittra tieghu datata 10 ta' Dicembru 2008, ammetta illi kien minnu illi huwa ha hsieb illi ma jigux mistiedna l-gurnalisti tal-gazzetta MaltaToday minkejja illi kienu huma li kitbu inizijjalment dwar il-kwistjoni ta' l-industrija tat-tonn, u huwa stess, kif jidher fl-ittra illi partijiet taghha gia ssemmew aktar il-fuq, huwa ggustifika tali decizjoni abbazi tal fatt illi l-MaltaToday ma kienetx kredibbli in vista ta' sensiela ta' attakki illi kienet ghamlet fil-konfront ta' Albert Mizzi illi dwarhom, sussegwentement, Saviour Balzan kien apologizza.

Jirrizulta, ghalhekk, illi dak miktub fl-artikolu intitolat '*PBS newsroom bypasses MaltaToday over tuna controversy*' kien kollu minnu u bbazat fuq fatti, u ghalhekk

il-kontenut ta' dak hemm miktub kien wiehed gustifikat u certament ma jistax jitqies illi hemm xi haga malafamanti fi-konfront ta' Natalino Fenech illi, del resto, imkien ma jissemma fl-istess artikolu.

Ghalhekk dana l-ilment ta' Natalino Fenech ma jirrizultax ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat u semghet il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tillibera** lill akkuzati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom peress illi dawna ma gewx ippruvati kif trid il-Ligi.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur